

32. PROTOKOLL RIGWARD L-ARTIKOLU I-9 (2) TAL-KOSTITUZZJONI DWAR L-ADEŻJONI
TA' L-UNJONI GĦAL-KONVENZJONI EWROPEA GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DRITTJIET
TAL-BNIEDEM U TAL-LIBERTAJIET FUNDAMENTALI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat li jstabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

Artikolu 1

Il-ftehim dwar l-adeżjoni ta' l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“Konvenzjoni Ewropea”), prevista fl-Artikolu I-9(2) tal-Kostituzzjoni, għandu jirrifletti n-neċessità li jiġu preservati l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-Unjoni u tad-dritt ta' l-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- a) l-arranġamenti speċifiċi għall-parteċipazzjoni possibbli ta' l-Unjoni fil-korpi ta' kontroll tal-Konvenzjoni Ewropea;
- b) il-mekkaniżmi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-proċedimenti minn Stati mhux Membri u applikazzjonijiet individwali jkunu ndirizzati lil Stati Membri u/jew l-Unjoni skond il-każ.

Artikolu 2

Il-ftehim previst fl-Artikolu 1 għandu jiżgura li l-adeżjoni ta' l-Unjoni ma għandhiex tolqot il-kompetenzi tagħha u l-poteri ta' l-istituzzjonijiet tagħha. Għandu jiżgura li xejn fih ma jolqot s-sitwazzjoni partikolari ta' Stati Membri fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-Protokolli tagħha, miżuri meħuda minn Stati Membri li jidderogaw mill-Konvenzjoni Ewropea, skond l-Artikolu 15 tagħha u r-riservi għall-Konvenzjoni Ewropea magħmula minn Stati Membri skond l-Artikolu 57 tagħha.

Artikolu 3

Xejn fil-ftehim previst fl-Artikolu 1 ma għandu jolqot l-Artikolu III-375(2) tal-Kostituzzjoni.

—